MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2010

Numru. 60/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Frank A. Tabone u Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Joseph Bajada ta’ 56 sena iben Emanuel u Carmela xebba Mifsud detentur tal-karta tal-identita numru: 31854G**

Fl-4 ta’ Lulju 2010 l-attur tressaq quddiem il-qorti u gie akkuzat li nhar it-2 ta’ Lulju 2010 ghal habta tat-tmienja neqsin kwart (7.45) ta’ filghodu u kif ukoll fil-hinijiet ta’ qabel gewwa l-Mellieha u f’postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-digriet mahrug nhar it-18 ta’ Marzu 2010 mill-Magistrat Edwina Grima.

Il-Qorti hi mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest mill-gdid tal-imputat u dan skond l-Artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9).

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:-

1. Jirrizulta li b'digriet moghti fit-18 ta' Marzu 2010 (Dok. FT1) l-imputat inghata l-helsien mill-arrest. Meta kien qieghed jixhed l-Ispettur Frank Tabone pprezenta kopja awtentikata tal-imsemmi digriet.

Id-difiza tal-imputat hi bazata biss fuq il-fatt li l-kondizzjoni numru tnejn m'hijiex valida ghaliex fid-digriet tat-18 ta' Marzu 2010 ma gewx osservati r-rekwiziti kontemplati fl-Artikolu 396 u 398 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9).

L-Artikolu 396 jipprovdi:

*"Kull dokument migjub matul il-kompilazzjoni ghandu jigi kontro firmat mill-magistrat, u notament ta' din il-produzzjoni ghandu jitnizzel fuq id-dokument stess mir-registratur jew mill-ufficjal li jaghmel floku."*.

L-Artikolu 398 jipprovdi:

*"Jekk, qabel ma jigi iffirmat att, ikun jinhtieg isir fih xi tibdil, korrezjoni jew zieda, dawn ghandhom isiru b'postilla taht l-att, u qabel ma dan jigi iffirmat. It-tibdil, il-korrezzjoni jew iz-zieda li jinhtiegu jsiru wara li l-att jigi iffirmat, ghandhom isiru b'postilla fil-genb.*

*(2) Ma jista' jsir ebda brix f'ebda att u lanqas ma jista' jithalla ebda vojt fih minghajr ma jkollu ` linja mghoddija fuqu, u jekk ikun jinhtieg li jsir xi tahsir, dan ghandu jsir b'mod li jhalli li l-kelma*

*mhassra tkun tista' tinqara sewwa.*

*(3) Il-magistrat ghandu jiffirma wkoll dawk il-postilli jew tahsiriet."*.

Fil-fehma tal-qorti l-fatt li d-digriet ma jidhirx li gie inizjalat mill-Magistrat sedenti, ma jista' jkun ta' ebda effett ghal dawn il-proceduri. Fid-digriet hemm il-firma tal-Magistrat u tal-imputat kif ukoll ta' Mary Jane Attard li hi deputat registratur li taqdi d-dmirijiet taghha fil-qrati li quddiemhom jinstemghu l-kawzi kriminali f'Ghawdex. L-Artikolu 396 japplika biss ghall-dokumenti li jigu prezentati waqt il-kumpilazzjoni. Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn digriet tal-qorti li jkun iffirmat mill-Magistrat, ghandu jkun ukoll inizjalat. M'hemmx dubju li digriet m'huwiex xi dokument li gie prezentat waqt il-kumpilazzjoni.

Ghal dak li jikkoncerna l-Artikolu 398 tal-Kap. 9, il-qorti ma ssib l-ebda irregolarita fid-digriet moghti mill-qorti. Id-digriet tat-18 ta' Marzu 2010 hu stampat *standard form* u kulma ghamlet il-Magistrat hu li kitbet kondizzjonijiet ohra fosthom li l-imputat ma jistax jinzel Malta minghajr l-awtorizazzjoni tal-qorti u li kellu jiddepozita l-karta tal-identita u l-passaport. Kien fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2010 li l-qorti laqghet it-talba tal-imputat li jinghata l-helsien mill-arrest. Fil-verbal ta' dik is-seduta jinghad:- *"Il-Qorti qeghda tilqa' t-talba taht il-kundizzjonijiet indikati fid-digriet taghha tal-lum stess."*. Il-fatt li l-kondizzjoni li l-imputat ma jinzilx Malta ma nkitbitx fl-ahhar tad-digriet imma giet mizjuda ma' gemb il-kliem stampat *"li ma ssifirx minn dawn il-Gzejjer jew tinheba…."*, m'ghandux jaghti lok ghal xi nullita' jew li dik il-kundizzjoni ghandha titqies li qatt ma giet maghmula mill-qorti. Il-post fejn fid-digriet tat-18 ta' Marzu nkiteb il-kliem *"…. Ma jistax l-imputat jinzel Malta….."*, ma ghandha taghmel l-ebda differenza. M'hemm l-ebda dubju li din kienet wahda mill-kondizzjonijiet u l-imputat accettaha. Ma saret l-ebda allegazzjoni li tali kondizzjoni giet mizjuda wara li l-imputat iffirma li qieghed jobbliga ruhu li joqghod ghal kondizzjonijiet jew li z-zieda saret minn wara dahru. Tant dan hu minnu li:-

a. L-imputat stess ammetta fl-istqarrija li ta lill-pulizija li kien jaf li ma kellux jinzel Malta; u
b. Fl-atti tal-kumpilazzjoni, li d-difiza stess talbet lil din il-qorti sabiex taghmel riferenza ghalihom[1], hemm rikors prezentat fis-17 ta' Gunju 2010 minn Joanna Farrugia, ufficjal tal-Probation. Wara li ppremettiet li l-imputat kien b'sentenza tat-12 ta' Dicembru 2008 tqieghed taht ordni ta' probation u *"Illi fil-prezent Joseph Bajada ghandu mposti fuqu minn din l-Onorabbli Qorti kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest li wahda minnhom ma tippermettix li l-imputat jinzel Malta."*, talbet li jinghata l-provvediment opportun peress li ddikjarat li ma kienx possibbli li s-sessjonijiet isiru f'Ghawdex. Il-qorti m'ghandix dubju li kien l-imputat li ta dan it-taghrif lill-ufficjal tal-probation. B'digriet li nghata fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2010 il-qorti ordnat: *"Tidderigi lill-istess Probation Officer sabiex is-sessjonijiet taghha mal-imputat jinzammu Ghawdex u jekk hi ma tistax taghmel dan l-istess Direttur tal-Probation ghandu jiehu l-mizuri kollha sabiex jara illi s-sessjonijiet mal-imputat isiru gewwa Ghawdex anke jekk ikun mehtieg minn Ufficjal tal-Probation iehor."*. Ifisser li l-qorti kienet qeghda terga' tikkonferma li l-imputat ma kellux imur Malta.

2. Fil-proceduri li fihom l-imputat inghata l-helsien mill-arrest bid-digriet tat-18 ta' Marzu 2010, qieghed jigi akkuzat b'pussess u traffikar ta' droga eroina f'perjodu ta' ghaxar (10) snin. Wahda mill-kondizzjonijiet li ghamlet il-qorti hi li ma jistax jinzel Malta minghajr l-awtorizazzjoni tal-Qorti. Fir-realta fit-2 ta' Lulju 2010 l-imputat instab Malta f'karozza fil-kumpannija ta' certu Piju Grech. Kienu qeghdin fi Triq ta' Msit, Mellieha. Fl-istqarrija li ta lill-pulizija qal li:-

a. Il-Gimgha 2 ta' Lulju 2010 mar Malta sabiex jitkellem mal-avukat ta' fiducja tieghu, Dr Stephen Tonna Towell.
b. Nizel Malta wara s-sitta ta' filghodu.
c. Ma nformax lill-Ispetturi Josric Mifsud jew Frank Tabone li kien sejjer Malta.

[1] Talba li l-Prosekuzzjoni ma oggezzjonatx ghaliha.

Il-qorti ma temminx li l-imputat mar Malta sabiex jitkellem mal-avukat ta' fiducja tieghu. Mill-investigazzjoni li ghamlet il-pulizija rrizulta wkoll li l-vettura li kien fiha twaqqfet fi triq imwarrba in-naha tar-Riviera Hotel, Mellieha. Il-qorti hi moralmanet konvinta li l-ispjegazzjoni li nghatat mill-imputat m'hi xejn ghajr skuza li vvinta sabiex ma jghidx il-verita' ghalfejn mar Malta daqshekk kmieni filghodu[2]. Ic-cirkostanzi ta kif l-imputat u siehbu gew arrestati fit-2 ta' Lulju 2010[3] jaghtu stampa ferm differenti minn dik li pprova jpingi l-imputat.

Il-kondizzjonijiet li jigu mposti fl-ghoti ta' helsien mill-arrest ghandhom jigu osservati mill-imputat b'mod rigoruz. Kif osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali[4] fil-kaz **Il-Pulizija vs Mario Farrugia** deciz fl-14 ta' Lulju 2009:-

*"Illi l-kondizzjonijiet imposti mill-Qrati meta tigi moghtija l-liberta' provizorja ghandhom dejjem jigu osservati ad litteram u skrupolozament u ma ghandux jinghata lok ghal kavillar zejjed fl-interpretazzjoni taghhom meta jkunu cari w kategorici."*.

Il-kondizzjoni numru tnejn (2) fid-digriet tat-18 ta' Marzu 2010 hi cara u ma thalli ebda lok ghal xi dubju. Fl-istqarrija li rrilaxxa lill-pulizija kkonferma li hu kien jaf li ma kellux imur Malta ***"….imma xorta ghamilt ta' rasi u tlajt u waqajt ghan-nejk."***. Ghalkemm ighid li jiddispjacih ghal dak li ghamel, dan m'huwiex bizzejjed. Hu evidenti li l-imputat ma tax kaz tal-kondizzjonijiet li ghamlet il-qorti u l-atteggjament tieghu jirrifletti agir ta' persuna li jahseb li jista' jaghmel li jrid. Jekk ma rriflettix dwar il-konsegwenzi fl-eventwalita' li jinqabad jikser xi kondizzjoni li tissemma fid-digriet tat-18 ta' Marzu 2010, dan kien nuqqas tieghu u ma jista' jipponta subghajh lejn hadd. Jekk verament ried jitkellem mal-avukat ta' fiducja tieghu kellu mezzi ohra sabiex jizgura li ma jiksirx l-obbligi li dahal ghalihom u li wara kollox volontarjament accetta li jwettaqhom.

---

[2] Fl-istqarrija qal li nizel Malta ***".... F'xi hin wara s-sitta ta' filghodu."***.
[3] Ara deposizzjoni tas-surgent 419 Anton Buttigieg.
[4] Imhallef Joseph Galea Debono.

3. Ghall-finijiet ta’ piena l-qorti wara li qieset:-

a. Il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li m’ghandux kondotta ezemplari;
b. L-akkuzi serji li hemm kontrih;
c. Li l-imputat ghalkemm kien jaf li ma setax imur Malta, volontarjament kiser l-ordni tal-qorti;
d. Li l-imputat kien jaf ben tajjeb li l-qorti qeghda tishaq fuq il-kondizzjoni li ma jmurx Malta. Tant hu hekk li fis-seduta tal-24 ta’ Gunju 2010 ordnat li s-sessjonijiet li kellu jattendi ma’ Joanna Farrugia, ufficjal tal-probation, isiru f’Ghawdex. B’danakollu l-imputat xorta sfida l-ordni tal-qorti u nizel Malta bl-iskuza li ried jitkellem ma’ l-avukat ta’ fiducja tieghu;

hi tal-fehma li ghandha timponi piena karcerarja.

Inoltre s-somma ta’ hdax-il elf ewro (€11,000) li qeghda taghmel tajjeb bhala garanzija ghandha tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta.

4. Il-prosekuzzjoni talbet ukoll ir-revoka tal-helsien mill-arrest. M’hemmx dubju li din it-talba hi gustifikata mehud in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi. L-imputat ma jistax jigi fdat u ghalhekk ser ikollu jbati l-konsegwenzi li gab fuqu nnifsu.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti wara li rat l-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali qeghda:-**

**1. Issib lill-imputat hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta’ habs ghall-perjodu ta’ erbgha (4) xhur.**

**2. Tordna li l-ammont ta’ hdax-il elf ewro (€11,000) stabbilit bid-digriet tat-18 ta’ Marzu 2010 bhala garanzija, ighaddi favur il-Gvern ta’ Malta.**

**3. Tordna r-revoka tal-helsien ta' arrest tal-imputat li nghata bid-digriet tat-18 ta' Marzu 2010 u l-arrest mill-gdid tal-imputat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------